MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 205/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Grace Falzon abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Grace Falzon [368958(M)]**

**Vs**

**Mario Dingli**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mitejn u tnejn u

ghoxrin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1,222.26c) rapprezentanti danni sofferti minn Grace Falzon assigurata mas-socjeta’ attrici li ghalihom ghamlu tajjeb, salv hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) li hallset l-istess Grace Falzon b’rizultat t’incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta’ Mejju, 2004 gewwa Birkirkara By-Pass bejn il-vettura ta’ l-attrici Grace Falzon bin-numru ta’ registrazzjoni JBC 062 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni LAC 812 liema incident sehh unikament b’rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenut m’huwiex responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza. Illi jsegwi ghalhekk li l-konvenut m’ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda danni lill-atturi. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, id-danni reklamati mill-atturi huma eccessivi. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Grace Falzon, Tracey Falzon, Mario Dingli, Leone Baldacchino u ta’ Alfred Farrugia.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Ramona Frendo ghall-atturi u ta’ Dr Graziella Bezzina ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar tal-kollizjoni z-zewg partijiet kienu miexjin wara xulxin f’Birkirkara By-Pass sejrin mid-direzzjoni ta’ l-Universita’ lejn Birkirkara. It-traffiku kien miexi bil-mod u f’daqqa wahda waqfet il-karozza ta’ quddiem il-karozza misjuqa mill-attrici u hi ghafset il-brake u waqfet. Imbaghad Grace Falzon tghid li semghet tahbita fuq wara, fis-sens li giet karozza minn wara u laqtitha. Il-hsara fuq il-karozza taghha kienet fuq in-naha tal-genb tal-lemin fuq wara. Wara l-habta harget

mill-karozza u tikkonferma li l-karozza l-ohra kienet qed tigi misjuqa minn Mario Dingli.

Hija kienet assigurata mas-socjeta' attrici. Hallset l-*excess* u l-kumplament tad-danni hallsithom is-socjeta' attrici.

Il-konvenut xehed illi dakinhar ta' l-incident huwa kien miexi fit-traffiku wara l-attrici u kien qed izomm distanza normali. Il-vetturi ta' quddiemu waqfu f'salt u hu habat mal-karozza ta' quddiemu minkejja li pprova jiehu azzjoni evasiva. Il-gurnata kienet wahda normali. B'rizultat ta' dan sehhet il-kollizjoni. Il-*Front to Rear Form* giet mimlija mill-gharusa tieghu Leone Baldacchino u ffirmata kemm minn Mario Dingli u kif ukoll minn Grace Falzon.

Illi ghar-rigward tar-responsabbilta' t-Tribunal m'ghandux dubju illi r-responsabbilta' unika ghall-kollizjoni ghandha tigi mputata lill-konvenut li evidentement ma kienx qed izomm *a proper lookout* u ma kienx qed izomm distanza xierqa bejn il-vettura tieghu u dik ta' l-attrici, tant li meta l-karozza ta' quddiemu waqfet f'salt, huwa baqa' diehel fil-karozza ta' quddiemu minkejja li ntenta jiehu passi evasivi.

Ghar-rigward tad-danni hemm kontestazzjoni wkoll u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi d-danni sofferti mill-atturi huma kwantu ghal hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm593.98c) *parts*, sebgha w erbghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm47.20c) *loss of use*, mija u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm173.25c) *labour* kompriz il-VAT u *rust proofing*, mija u tnax-il lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm112.29c) rapprezentanti *spray* u VAT li t-total igibu disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm926.72c). Dawn id-danni jinsabu kkorroborati kemm b'ricevuti fiskali kif ukoll mis-*survey report* li gie kkonfermat minn Alfred Farrugia u ghalhekk jisthoqq li jigu milqugha. L-ammont mitlub huwa cirka tlett mitt lira Maltin (Lm300) aktar u ma nghata l-ebda spjegazzjoni ta' din id-differenza u ghalhekk huwa l-kaz li din id-differenza tigi riflessa fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jillikwida d-danni ghas-somma ta' disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm926.72c) u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm926.72c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez ikunu kwantu ghal tlett kwarti (¾) ghall-konvenut u kwart (¼) ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------